**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.A. (Melit); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 13 ta' Jannar, 2020**

**Talba Nru: 384/2019 PM1**

**Elton Buhagiar (ID 56483(M))**

**Vs**

**Vera Sant Fournier (ID 9685(G))**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-sitta (6) ta' Dicembru, elfejn u dsatax (2019) illi l-konvenuta ghandha thallas lill-intimat is-somma ta' tlett elef, mija u hamsin euro (€3150) rapprezentanti bilanc minn somma akbar dovut lill-attur bhala prezz ta' merkanzija (siggijiet) mbjughin u kkonsenjati lill-istess konvenuta.

Ra li l-konvenuta ghalkemm debitament notifikata la ressqet risposta ghat-talba u lanqas ma dehret ghas-seduta tal-lum.

Sema' x-xhieda tal-attur li permezz taghha essenzjalment ikkonferma l-kontenut tat-talba u fisser kif l-ammont mitlub kien u ghadu dovut lilu mill-konvenut in

rapprezentanza ta' siggijiet mibjughin minnu lilha fil-kors tan-negozju tieghu. Huwa stqarr li, minkejja diversi interpellazzjonijiet ghall-hlas, il-konvenuta baqghet inadempjenti.

Ra li minkejja li l-konvenuta regghet giet imsejha hija naqset milli tidher.

Ra illi l-kawza giet konsegwentement posposta ghas-sentenza.

**Ikkunsidra**

Illi permezz ta' din l-azzjoni l-attur qed jitlob li l-konvenuta tigi kkundannata thallsu is-somma ta' tlett elef, mija u hamsin euro (€3150) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata minnu lill-konvenuta. Waqt ix-xhieda tieghu huwa fisser kif dan il-bejgh sar fil-kors tan-negozju tieghu u li l-konvenuta naqset li thallsu ghall-merkanzija minkejja li saru diversi tentattivi min-naha tieghu ghall-hlas.

Illi f'dawn il-proceduri il-konvenuta la dehret u lanqas ma ressqet ebda risposta ghat-talba mressqa kontriha u kwindi l-verzjoni tal-attur baqghet mhux kontradetta.

Illi t-Tribunal ikkunsidra wkoll li skont l-art. 13(1)(a) tal-**Att dwar Tribunal ghal Talbiet Zghar** l-kawza ghandha tigi deciza anke fl-assenza tal-konvenut jekk dan jonqos li jidher filwaqt illi l-art. 9(2)(a) tal-istess Att jipprovdi wkoll li t-Tribunal għandu jiżgura li l- każ għandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata' sommarjament fl-istess jum tas-smigħ tiegħu u li dak is-smigħ ma jtulx iktar minn seduta waħda.

Illi t-Tribunal huwa sodisfatt li l-kreditu pretiz jinsab pruvat tramite x-xhieda tal-istess attur liema xhieda ma giet bl-ebda mod kontradetta. L-ammont pretiz jinsab konfermat bil-gurament tal-istess attur li spjega wkoll ic-cirkostanzi essenzjali tal-istess kaz u t-Tribunal ma jsib ebda raguni ghalfejn m'ghandux jaghti affidament ghal din ix-xhieda.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur is-somma mitluba ta' tlett elef, mija u hamsin

euro (€3150) rapprezentanti bilanc minn somma akbar dovut lill-attur bhala prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenuta, bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-istess konvenuta.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**